



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9608/23

SOC 329
EMPL 212
EDUC 168
ECOFIN 454

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2023 - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> - <i>Preżentazzjoni mill-presidenti rispettivi tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-messaġġi ewlenin dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali</i>

Bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tat-12 ta' Ġunju 2023, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż in-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq.

1. Il-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2023

Il-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2023 jenfasizza l-isfidi ewlenin għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha fl-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva – l-istabbiltà makroekonomika, l-ekwità, is-sostenibbiltà ambjentali u l-produttività – fid-dawl tal-kuntest soċjoekonomiku. It-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni qed jagħti prova tar-reżiljenza tiegħu u s-suq tax-xogħol għadu b'saħħtu, bir-rati rreġistrati għall-impjiegi storikament għolja. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' hili u ta' ħaddiema għadu mdaqqs u jżomm it-tkabbir lura għal għadd dejjem jikber ta' kumpaniji, waqt li jippersistu differenzi fl-impjiegi għal xi gruppi tal-popolazzjoni, fosthom in-nisa u ż-żgħażaġh. Filwaqt li t-tensjonijiet fil-prezzijiet tal-enerġija battew u l-inflazzjoni globali naqset xi ftit, il-prezzjonijiet fuq il-prezzijiet ser jieħdu ż-żmien biex jgħibu għalkollox, li għalhekk ser jolqot il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi, speċjalment fi gruppi b'introjtu baxx jew b'introjtu medju inferjuri. Il-pagi żdiedu b'rata ferm aktar baxxa mill-inflazzjoni, mingħajr ma taw lok għal aktar inflazzjoni, iżda li wasslu biex l-introjtu reali tal-ħaddiema ttekel sostanzjalment b'effetti fuq il-kapaċità tal-akkwist tagħhom.

Fil-kuntest attwali fejn il-ħajja hija għolja, it-tneħħija tad-differenzi fl-aċċess għal sistemi soċjali adegwati u sostenibbli ta' protezzjoni u ta' inklużjoni hija kruċjali biex jixxejjen l-impatt tal-inflazzjoni għolja fuq persuni vulnerabbli, flimkien mal-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf tal-kapaċità tal-akkwist partikolarment għal dawk b'introjtu baxx, waqt li jippreservaw l-impjiegi. F'dan ir-rigward, l-aġġornamenti regolari tal-pagi minimi jaqdu rwol importanti wkoll. Fl-istess ħin, is-sistemi ta' protezzjoni u ta' inklużjoni soċjali jeħtieġ li jippreservaw l-inċentivi għax-xogħol u jippromwovu attivament il-parteċipazzjoni u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Dawn l-elementi kollha huma kruċjali biex jipprevjenu żieda fir-riskji tal-faqar u fl-inugwaljanzi.

Lil hinn mill-prijoritajiet fuq perjodu qasir, il-Pakkett tar-Rebbiegħa jappella wkoll għat-trattament tal-isfidi għal żmien itwal, fosthom l-isfida li jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE u li jsir progress rapidu fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), flimkien ma' finanzjament ieħor tal-UE bħall-fondi għall-politika ta' koeżjoni, hija essenzjali biex titħaffef tranżizzjoni doppja li tkun ġusta, u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Ir-rieżami li għaddej tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) huwa opportunità biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà tal-enerġija u mat-tranżizzjoni industrijali għal ekonomija newtrali għall-klima, kif ukoll biex tiġi appoġġata kwalifikazzjoni mil-ġdid aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika u mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

Ir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2023 jidentifikaw l-azzjonijiet ta' politika meħtieġa fil-livell tal-Istati Membri biex jегhlbu l-isfidi fuq perjodu qasir kif ukoll dawk strutturali. Meta jagħmlu dan, iqiegħdu l-eżekuzzjoni tal-RRP taħt il-lenti u jenfasizzaw ir-riskji ta' implimentazzjoni u d-dewmien li għandhom jiġu indirizzati mill-Istati Membri. Ir-Rapporti tal-Pajjiżi jinkludu valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fit-twettiq tal-miri ewlenin u nazzjonali tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Filwaqt li jkomplu jibnu fuq l-analiżi tar-Rapporti tal-Pajjiżi, il-proposti tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) għall-2023 jagħtu gwida lill-Istati Membri dwar it-trattament tal-isfidi ewlenin li jew huma indirizzati biss parzjalment mill-RRPs jew mhuma indirizzati xejn.

2. Qafas ta' Konverġenza Soċjali għall-integrazzjoni possibbli fis-Semestru Ewropew

Fil-laqgħa tal-EPSCO ta' Ottubru 2021, il-Belġju u Spanja ppreżentaw inizjattiva biex tkompli tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew. F'Jannar 2022, il-Presidenza Franċiża qabddet lill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) biex sa nofs l-2022 iħejju Opinjoni konġunta bil-ħsieb ta' studju aktar mill-qrib tal-introduzzjoni possibbli u l-funzjonament ta' inizjattiva bħal din. L-Opinjoni¹ rriflettiet l-opinjonijiet differenti fost l-Istati Membri u għadd ta' mistoqsijiet rigward il-forma u l-funzjonament aktar preċiżi tal-inizjattiva. Fil-laqgħa tal-EPSCO ta' Ġunju 2022, sar dibattitu ta' orjentazzjoni b'diversi Ministri jesprimu appoġġ għat-tnedija ta' proġett pilota biex jeżamina l-inizjattiva f'aktar dettall. Dan wassal lill-Presidenza Ċeka tistieden lill-Kumitati, f'Settembru 2022, jistabbilixxu Grupp ta' Ħidma ad hoc konġunt bejn l-EMCO u l-KPS u jagħtu bidu għall-pilota.

Fi Frar 2023, il-Presidenza Żvediża stiednet lill-EMCO u lill-KPS jinfurmaw lill-Kunsill dwar l-opinjoni tal-Kumitati dwar l-eżitu tal-proġett pilota, u jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin identifikati fl-opinjoni tal-EMCO-KPS ta' Ġunju 2022. Dan jinkludi kwistjonijiet bħal:

- l-isem xieraq tal-istrument,
- definizzjonijiet tat-terminoloġija rilevanti,
- kif jaħdem l-istrument,
- kif jiġi integrat fl-andament attwali tas-Semestru Ewropew, u kif jaffettwaw, u r-rwol tal-EPSCO,
- il-valur miżjud tiegħu b'rabta mal-istrumenti eżistenti, u
- il-konsegwenzi potenzjali fuq il-piż amministrattiv tal-Istati Membri u l-Kumitati.

¹ Dokument 9222/22

Minħabba r-rabtiet possibbli mad-diskussjonijiet dwar il-futur usa' tas-Semestru Ewropew, il-Presidenza ħeġġet lill-EMCO u lill-KPS jilqgħu l-kontribut mill-korpi preparatorji tal-ECOFIN.

Bi tweġiba għall-istedina tal-Presidenza, il-Kumitati ppreżentaw l-opinjonijiet tagħhom f'*Messaġġi Ewlenin mill-EMCO u l-KPS*², dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew.

Wara l-istedina mill-Presidenza Żvediża biex jinkiseb il-kontribut mill-korpi preparatorji tal-ECOFIN, id-djalogu bejn l-EMCO, il-KPS u l-Kumitat tal-Politika Soċjali (KPE) sar fis-16 ta' Mejju 2023. L-opinjonijiet tal-KPE jinsabu fil-qosor f'ittra mill-EMCO-KPS lill-Presidenza tal-25 ta' Mejju 2023, li fost l-oħrajn tappella għal diskussjoni konġunta fil-livell tekniku dwar il-qafas suġġerit. Fis-16 ta' Mejju, il-Ministri tal-ECOFIN ġew infurmati wkoll dwar il-ħidma li għaddejja fil-Qafas ta' Konverġenza Soċjali.

Il-Presidenza Żvediża beħsiebha tikkjarifika l-livell ta' appoġġ għall-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fil-proċess tas-Semestru Ewropew billi tindirizza din il-kwistjoni fid-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-EPSCO ta' Ġunju.

Il-ministri mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *Fil-fehma tagħkom, il-Pakkett tar-Rebbiegħa tal-2023 jidentifika tajjeb l-isfidi u l-prijoritajiet politiċi rilevanti kollha fil-kompetenza tal-EPSCO li jidhru li huma meħtieġa fil-kuntest soċjoekonomiku attwali?*
- *Fid-dawl tal-eżami mwettaq mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, lesti tappoġġaw it-tisħiħ tal-monitoraġġ għal konverġenza soċjali 'l fuq fis-Semestru Ewropew billi jiġi integrat Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin?*
- *Lesti tappoġġaw l-idea li l-Kunsill EPSCO japprova kull sena l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Konverġenza Soċjali fl-Unjoni abbażi tas-sejbiet u d-diskussjonijiet multilaterali skont il-qafas il-ġdid?*

² Dokument 9481/23